MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1362/2002

**AB**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fil-11 ta' Gunju 1977, minn liema zwieg huma ghandhom tlett itfal, tnejn maggorenni u l-minuri Alan B li huwa emancipat.

Premess illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-attur ta' adulterju, mohqrija, eccessi, sevizzi u ngurji gravi, b'mod li llum iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment.

Premess illi b' digriet moghti fit-30 ta' Settembru, 2002, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attur sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenuta.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, mohqrija, eccessi, sevizzi u ngurji gravi, u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenuta;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Alan B lill-attur jew konguntivament bejn il-kontendenti;

3. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u tiddividi u tassenja porzjoni kull wiehed lill-partijiet, skond kif il-Qorti jidhrilha hekk xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kollha ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fejn applikabbli.

5. Tawtorizza lill-attur biex jirriprendi l-beni parafernali tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta B Susanne tirreferi lil dina l-Onorabbli Qorti ghac-citazzjoni numru 1408/2002 fl-ismijiet : "B Susanne k/a Sue - versus –B Emanuel", li tinsab differita ghar-rapport quddiem din il-Qorti ghal-nhar il-Hamis, erbgha ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tlieta (04.12.2003), fid-disgha ta' filghodu (9.00 a.m.).

2. Illi fl-udjenza quddiem dina l-Onorabbli Qorti ta' nhar il-Erbgha, erbatax ta' Mejju, tas-sena elfejn u tlieta (14.05.2003), dina l-Onorabbli Qorti kif ppreseduta iddegretat illi l-kawza odjerna timxi kontestwalment mac-citazzjoni numru 1408/2002 fl-ismijiet inversi, jkunu jghoddu ghal kawza odjerna.

3. Illi l-konvenuta tigbed l-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li hija biex tikkopera ma din il-Qorti tat ruhha b' notifikata bic-citazzjoni f' jum l-Erbgha, erbatax ta' Mejju, tas-sena elfejn u tlieta (14.05.2003), u mill-kopji forniti lilha mill-istess Qorti kif ippreseduta, jirrizulta car li l-attur mhux biss ghadu ma pprezenta ebda affidavit la tieghu u lanqas tax-xhieda tieghu li setghu jittellghu bl-affidavit, imma li t-terminu moghti lilu mill-Qorti ta' sittin (60) jum ilhom li skadew b' aktar minn xahrejn u nofs, u ghaldaqstnat il-konvenuta qed titlob lil dina l-Onoarabbli Qorti biex tiehu konjizzjoni ta' dan il-fatt biex hi ma tigiex pregudikata fic-citazzjoni fl-ismijiet inversi numru 1408/20002 li wkoll tinsab differita ghar-rapport ghal nhar il-Hamis, erbgha ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tlieta (04.12.2003).

4. Illi l-eccipjenti tichad ghal kollox it-tieni premess attrici, biss taqbel ma' l-ewwel talba attrici imma ghal ragunijiet unikament imputtabbli lil istess attur filwaqt illi tikkonferma li dan iz-zwieg illum tkisser irrimedjabilment minghajr l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

5. Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi michuda billi Alan B jaghlaq tmintax (18) il-sena nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena kurrenti u ghalhekk sakemm tigi definittivament deciza din il-kawza u l-ohra fl-ismijiet inversi, Alan B ghal kull buon fini ikun gja sar maggorenni, kwindi t-tieni talba attrici m' ghandha l-ebda validita' fic-cirkostanzi.

6. Illi l-eccipjenti taqbel mat-tielet talba attrici b' mod illi ghandu jigi kkalkolat il-hidma attwali ta' kull naha mill-kontendenti considerando li kienet l-istess konvenuta li ghinet biex l-istess zewgha attur jibda n-negozju attwali tieghu u minghajr l-ghajnuna, il-hidma u d-direzzjoni taghha l-attur ma kienx jasal f' hiex wasal illum.

7. Illi r-raba’ talba attrici ghandha tigi michuda billi proprju kien l-istess attur li kien responsabbli ghat-tifrik ta’ dan iz-zwieg u l-effetti kollha tal-artikoli 48 u 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom ikunu applikati kontra l-attur u mhux kontra l-konvenuta martu.

8. Illi l-hames talba attrici m’ ghandhiex tigi milqugha u dan ghal ragunijiet li jirrizultaw fil-mori tal-kawza fl-ismijiet B Susanne k/a Sue B – versus – Emanuel B, Citazzjoni Numru 1408/2002.

9. Illi l-konvenuta f’ kull kaz m’ ghadnha tbati ebda forma ta’ spejjez stante li dawn il-proceduri gew kostretti biss mill-agir ta’ l-istess attur.

10. Illi l-eccipjenti tirreferi ghall premessi, talbiet u d-dikjarazzjoni guramentata taghha fic-citazzjoni numru 1408/2002 – RCP fl-ismijiet: B Susanne k/a Sue– versus – B Emanuel, li wkoll tinsab differita ghar-rapport quddiem din il-Qorti kif ippreseduta ghal nhar il-Hamis, erbgha ta’ Dicembru, tas-sena elfejn u tlieta (04.12.2003), fid-disgha ta’ filghodu (9.00 a.m.).

11. Illi l-attur ghandu jigi definittivament ordnat biex bl-ebda mod ma jersaq lejn id-dar konjugali “Suemm House”, f’ numru 39, Triq il-Bhajra, Qormi – QRM 10, u dana wara illi gie ordnat biex jallontana ruhu mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, b’ digriet ikkonfermat minn din il-Qorti u nonostante dan, l-agir ta’ l-attu baqa’ wiehed vjolenti kif jirrizulta anke mid-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuta.

12. Illi l-konvenuta ghandha tinghata retta alimentari adegwata u xierqa skond il-htigijiet bazici tagha fid-dawl tac-cirkostanzi finanzjarji tal-familja taghha considerando illi ghal aktar minn tlieta u tletin (33) sena kienet hija l-mutur li spirat lill-attur biex jakkwista il-mezzi li huwa ghandu mill-introjtu tan-negozju attwali tieghu, liema cifra adegwata ghandha tkun fil-vicinanzi ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) fil-gimgha, mehud in konsiderazzjoni anke l-hajja socjali fil-Gzejjer Maltin.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat il-verbal li permezz tieghu din il-kawza nstemghet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi numru 1408/02 deciza llum;
Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Marco Ciliberti minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma’ martu l-konvenuta ai termini ta’ l-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16. Il-konvenuta minn naha taghha, filwaqt li taqbel mat-talba ghall-pronunzjament gudizzjarju tas-separazzjoni personali bejniethom, qed tikkontestesa l-htija u qed tattribwiha lill-attur in bazi ghall-istess Artikoli precitati.

Illi din il-Qorti taghmel referenza shiha ghal, u taddotta, il-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet minnha maghmula u raggjunti fis-sentenza fl-ismijiet inversi numru 1408/02 deciza llum stess u li titratta l-istess meritu.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti hija attribwibbli liz-zewg partijiet kif indikat fis-sentenza fuq citata;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li t-tifel Alan B llum huwa maggjorenni;

[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri tlieta u erba’ stante li diga’ gew decizi fil-kawza 1408/02 deciza llum stess;

[4] tastjeni milli tieku konjizzjoni tal-hames talba stante li ma ngiebux provi in propositu.

L-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenuta, u r-rimanenti terz jibqa’ a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------